MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 219/2014

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**Raymond Vella u Terry Vidal**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn esponiet:

1. Illi s-socjeta' mittenti ppresentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-22 ta' Gunju, 2010, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-intimati fl-1 ta' Lulju, 2010 (Dok A);

2. Illi l-istess intimati naqsu milli jipprezentaw risposta fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali fi zmien stipulat mill-Ligi, u cioe' fi zmien tletin gurnata min-notifika. Ghaldaqstant, fil-31 ta' Lulju, 2010, is-socjeta' mittenti giet kanonizzata kreditrici versu l-intimati;
3. Illi l-intimati ghandhom ihallsu lis-socjeta' mittenti kreditrici s-somma komplessiva ta' €9,305.64 rappresentanti €6,822.76 bhala sorte, €2,199.73 bhala imghax mit-22 ta' Gunju, 2010 sallum, u €283.15 bhala spejjez u dana kollu a tenur tat-titolu ezekuttiv sovra menzjonat;
4. Illi ghalkemm ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-imsemmi titolu ezekuttiv, is-socjeta' mittenti ghad ghandha interess tezegwixxi l-istess titolu stante li l-intimati debituri ghadhom ma hallsux il'fuq imsemmi kreditu;
5. Illi, in ottemperanza ma dak sancit fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit McKeon bhala mandatarja specjali tas-socjeta' mittenti kreditrici ghall-fini ta' dan l-att, qieghda tikkonferma bil-gurament taghha l-kontenut u l-veracita' ta' dak sovra premess;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Elmo Insurance Limited vs. Raymond Vidal et" (Referenza Numru 1626/2010) u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 et seq tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond l-ordnijiet, provvedimenti u/jew direttivi li din l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat in-nota tal-intimati, pprezentata fis-16 ta' Marzu, 2015, li biha l-istess intimati ammettew it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fir-rikors promotur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Elmo Insurance Limited vs. Raymond Vidal et" (Referenza Numru 1626/2010) u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 *et seq* tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------